**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**

**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 11.11.07:** IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.

## FESTA TA' SAN ADEODATO MARTRI.

Illum fil-parroċċa tagħna nagħmlu l-Festa ta' San Adeodato Martri.

Fil-**4.00p.m**. quddiesa bil-prietka u wara jkun hemm il-purċissjoni bil-korp qaddis ta' San Adeodato.

Nagħmel appell lil kulħadd biex jieħu sehem f'din il-purċissjoni.

Il-ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri.

## LAQGHA TA' TALB GHALL-IRGIEL KOLLHA.

**IT-TLIETA, 13.11.07:** Illum se ssir l-LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL KOLLHA.

Din tkun fil-knisja u tibda fis-**6.30p.m**. Nagħmel stedina lill-Irġiel kollha biex jieħdu sehem magħna f'dawn il-mumenti ta' talb flimkien.

## KORS DWAR IL-BIBBJA

**L-Erbgħa, 14 ta' Novembru** jkompli l-Kors dwar il-Bibbja. Dan ikun fl-istess post u l-ĦIN ikun fil-**5.00p.m.**

**IL-ĦADD, 18.11.07:** IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.

## LIBRERIJA PRECA

Bħalissa fis-sala tas-Seminarju qed ikun hemm wirja ta' kotba reliġjużi, rigali b'messagg għal xi okkażjonijiet, bħalma huma żwieġ, birthdays, l-ewwel tqarbina, grizma, Milied ecc. Din se tkun miftuħa sa nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru, sat-8.00p.m.

## DRAMM FIS-SEMINARJU

Se jittella' Dramm socjali fis-Seminarju bl-isem "RAGG TA' DAWL" li huwa nteressanti hafna u huwa tajjeb ghall-familja kollha.

Il-granet se jkunu l-Ħadd 25 ta' Novembru u s-Sibt l-1 u l-Ħadd it-2 ta' Diċembru. Biljetti mis-Seminarju jew inkella mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## IKLA B'RISQ IS-SEMINARJU

Nhar is-Sibt, 17 ta' Novembru 2007 se ssir Ikla b'risq is-Seminarju, imsejħa l-Ikla ta' San Martin. Din se tkun fis-seminarju stess u tibda fis-7.30p.m.

Il-Biljetti għaliha jinkisbu mis-seminarju.

## FULJETT LILL-MORDA

Din is-sena ddedikata lill-Bibbja, il-Parroċċa se twassal messaġġ spiritwali lill-Morda kollha.

Dan il-Messaġġ se jkun f'xi okkażjonijiet matul is-sena, u l-iskop tiegħu huwa li l-morda jħossu li l-komunita' parrokkjali qed taħseb fihom u li trid tkun qrib tagħhom b'kelma ta' faraġ, ta' inkuraġġiment, u ta' mħabba.

Dan se jitwassal fil-familji tal-morda u l-Anzjani permezz tal-membri ta' l-Għaqdiet Kattoliċi. Dawk li aċċident ma jaslilhomx, huma mitluba jinformawna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## SENA TAL-KELMA TA' ALLA

Il-ktieb tal-Bibbja huwa bħal ITTRA li hija mibgħuta lilek minn Alla. Għandu x'jgħidlek. Il-Kelma tiegħu hija ta' ġid kbir għalik u ta' faraġ. Tħallihiex magħluqa din l-ITTRA, imma iftaħaha u aqraha.

## GIMGHA TAL-FAMILJA

**MID-19 SAL-23 TA' NOVEMBRU.**